MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 134/2005

**Avviz numru  134/06DM**

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Helen Chetcuti (ID 118768  M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u hmistax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,215.50) rappresentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal seba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm787.40) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21374033 in kwantu ghal tlett mija u hamsin lira Maltin u seba' centezmi (Lm350.07) fuq servizz telefoniku 21420152 u in kwantu ghal elf u tmienja u sebghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm1,078.03) fuq servizz telefoniku

21376070 (skond kif jirrizulta minn ‘Dok. A’, ‘Dok. B’, ‘Dok. C’ u ‘Dok. D’ annessi ma’ l-Avviz) liema servizzi gew installati fil-fond ‘Arjero’, 3, Triq il-Qantar, l-Ibrag, St. Andrews l-iehor fil-fond ‘D’ Elena’, Triq in-Naxxar, l-Iklin u l-iehor fil-fond Plot 3, Triq il-Qantar, Swieqi, rispettivament u dana kif jirrizulta minn ‘Dok E’, ‘Dok. F’ u ‘Dok. G’ annessi ma’ l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata msejjha ma deheritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lill-PL Noel Scerri prodott mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ elfejn, mitejn u hmistax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,215.50) ghar-ragunijiet kollha ndikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-9 ta’ Marzu, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------